**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 78 – IT-TNEJN, 9 TA' JANNAR 2017 FIS-5.55PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier (6.10pm) |
| | |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 77**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 2.5 għandha titneħħa minn "Kien hemm qbil" sal-aħħar tal-paragrafu. Kien hemm qbil unanimu fuq din l-korrezzjoni.

**2 Punti mtella mill-Minuti 77**

2.1 Rigward paragrafu 2.4 ġie innutat li x-xogħol fuq ir-roundabout ta' Triq il-Mensija għadu pendenti. Għandu jsir follow up mal-WSC.

2.2 Rigward paragfrafu 5.8 għandħa tintalab kjarifika minn TM.

Is-Sur Malcolm Abdilla daħal għal-laqgħa fis-6.10pm.

2.3 Rigward paragrafu 6.3 ġie innutat li x-xogħol mal-Bring in-site ta' Triq l-Istefanotis tlesta u ġie tajjeb ħafna.

2.4 Rigward paragrafu 5.10 għandha tiġi kkunsidrata jekk hemmx bżonn issir bollard oħra.

2.5 Rigward paragrafu 2.10 għandha ssir laqgħa maċ-Chairman tal-Enemalta.

Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-agenda u jiġu

approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti Numru 68

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti, Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

## 4 Performance Appraisal

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-performance bonus tal-istaff tal-Kunsill. Ġie innutat li fil-parti l-kbira, il-performance tal-istaff kienet waħda sodisfaċenti. Ġew innutati xi nuqqasijiet zgħar li bi ftit attenzjoni jistgħu jiġu ndirizzati. Għandha tintbagħat Memo lill-istaff mis-Segretarju Eżekuttiv rigward dawn in-nuqqasijiet. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li s-staff jieħdu performance bonus ta' 6% u s-Segretarju Eżekuttiv ta' 10%. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward it-tender għall-iStreet Lighting. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jingħaqdu 3 jew 4 kunsilli flimkien biex tinħareġ din it-tender konġunta. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 Ġie innutat ilment fuq it-tindif tad-Dog Park. Għandha ssir site visit.

5.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li nqata' l-ewwel appell li hemm l-Qorti rigward il-waste collection. Id-deċiżjoni kienet li l-Kunsill kellu raġun jagħżel l-preferred bidder li għażel. Issa jonqos li jinqata' l-appell ieħor.

## 6 Korrispondenza
.
6.1 Kien hemm qbil li tista' tintuża l-boardroom tal-Kunsill għal Weight Loss Challenge.

6.2 Kien hemm diskussjoni rigward ilment ta' pooling ta' ilma f'Misraħ Lewża. Kien hemm qbil li m'hemmx soluzzjoni għal dan l-ilment ħlief li tiġi resurfaced Misraħ Lewża kollha. Bħalissa dan mhux possibbli għal raġunijiet finanzjarji.

6.3 Kien hemm qbil li s-Sinjura Maria Tanti tiġi magħżula għal Deputat Segretarju Eżekuttiv.

6.4 Ġiet innutata talba biex passaġġ bejn Triq il-Palma u Vjal in-Naspli tiġi One Way. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Affarjiet Oħra

7.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

7.1.1 Wires li hemm bżonn jiġu rramġati taħt il-bank tal-Customer Care. Kien hemm qbil li titqabbad persuna għal din.

7.1.2 L-istations tan-Next Bike. Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sinjura Marica Bayliss għandha tiltaqa' mar-Rappreżentant tan-Next Bike.

7.1.3 In-nuqqas ta' l-infurzar fuq il-ħmieġ. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Għandna nitkellmu fuq in-nuqqas ta' Green Wardens, il-booking tal-wardens TMS u full devolution tal-iStreet Lighting.

7.2 Is-Sinjura Marica Bayliss tkellmet fuq:

7.2.1 Triq is-Sardinell li tkissret meta kien qed isir xogħol fuq iċ-Child Minding Facility. Għandha ssir laqgħa mal-FTS fuq din.

7.2.2 il-bżonn ta' patching fi Triq il-Kappella.

7.2.3 il-bżonn ta' manutenzjoni fuq is-soft area quddiem il-Kappella tal-Propostru.

7.2.4 Ġabet għall-attenzjoni wkoll li ser ikun hemm xi fondi għall-attivitajiet kulturali, li hemm bżonn li ssir tabella fil-Kunsill "No Smoking" u li għandhom jibdew isiru x-shelters tal-qtates ta' barra.

7.3 Is-Sur Malcolm Abdilla lmenta li r-round about fi Triq il-Mensija għadha mkissra. Għandu jsir follow-up mal-WSC.

**8 Għeluq il-Laqgħa**

8.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Jannar 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |